fil-għorfa ta' qabel; imbagħad wieħed minnhom raġa' l-ura biex iġib dak li kienu serqu; imbagħad rafgħu t-tagħbija, li kienet ta' min jitħassarha u jistmerrha f'ħin wieħed.

Griżu baqa' jagħżel xi teftifa oħra li kienet tista' tgħodd għalih; għamel kollox sorra, u rħielha. Tabilħaqq li kien ħa l-ħsieb kollu li ma jmiss qatt mal-*monatti*, li ma jħallihomx imissu miegħu; imma, f'dik l-aħħar telfa li biha kien q'ed igerfex, qabad, ħdejn is-sodda, il-ħwejjeġ ta' sidu, u tahom tfarfira, mingħajr ma ħaseb f'xejn, biex jara kienx fihom flus. Imma kellu jaħseb f'dan il-għada, għax, waqt li kien q'ed f'ħanut jiekol u jixrob daqs ħanżir, qabdu f'daqqa l-bard, tgħammxulu għajnejh, riġlejh ma felħux, u nstabat ma' l-art. Sħabu telquh, waqa' f'idejn il-*monatti*, li, wara li neżżgħuh minn kull ma kellu tajjeb fuqu, tefgħuh fuq karru; li fuqu ħarġet ruħu, qabel ma wasal lazzarett, fejn kienu ħadu lil sidu.

**Dun Pawl**

# F'XATT IL-BAĦAR

## SUNETT

Mita narak ma tehda xejn, bil-ħlewwa
kollha, tinfirex fuq it-tarf tax-xtajta,
u tarġa' tmur u tarġa' tiġi l-ġewwa,
donnok ferħan, il-għaliex bistha w-rajtha

lill-blata dejjem niedja, u mħarrġa, sewwa
sew bħal ma jagħmlu 'l-ħbieb fil-għors ta' l ġgajta,
fost id-daqq, fost iż-żfin, bogħ'd mill-egħdewwa,
issa tgħannieqa u bewsa, issa xi ċajta;

ngħid bejni u bejni: Kemm ħanin u twajjeb
hu Dak li silet u li jmexxi il-ħlajjaq
b'għerf li ma bħalu, bl-aktar kbira mħabba!

Kieku kull bniedem qalbu ried u rabba'
kif irid Alla, kemm tiġrif u dwejjaq
jaħrab! għalih id-dawl qatt ma jitgħajjeb.

Nhar Lapsi 1933. **Mons. Gauci.**

# TAGĦLIM GĦAT-TFAL

## DWAR IL-KWIEKEB LI JISTGĦU JIDHRU FIS-SAQAF TAS-SEMA MILL-GŻEJJER TA' MALTA

*(Miktub mir-Rev. C. L. DESSOULLAVY, Ph.D.)*

### 2. XBIHAT ĠEWWA L-HOLQA TA' TRIQET IX-XEMX *(jissokta)*

9. Din il-għaqda kwiekeb hija magħrufa mill-Griegi bl-isem tal-*Arpa*, iżda billi l-kelma griega għal dil-kelma tfisser ukoll *fekruna* tissejjaħ ukoll bl-isem ta' *fekruna*. Soltu, madankollu, il-Għarab kienu jxebħuha lil *seqer* bi ġwenħajh miġburin flimkien fil-waqt li qiegħed jaħtaf b'difrejh il-priża tiegħu jew "jaqa'" fuqha. Bil-għarbi *il-wâqigħ*, li jaqa'.

A. **Wega**, dlonk miktuba ħażin *Vega*, l-isem tax-xbieha kollha kemm hi. Bil-għarbi, **al-waqigħ**. Is-seqer li jaqa'. Kewkba kbira lewnha jati fl-ikħal.

*G.* **Sulhafah, Sulhafat**. Kelma għarbija tfisser fekruna, li hu l-isem tal-imħalla kollha kemm hi.

H. **Aladfar**. Kelma għarbija (plural miksur) li tfisser "id-dwiefer" jew "dwiefer is-Seqer".

**10**. Xbieħa ta' *Ċinju*, iżda mill-Għarab magħrufa dejjem bl-isem ta' Tiġieġa: *Ad-daġaġa*, mill-Ispanjoli msejħa *Adigige*, tixbah lill-kelma maltija *tiġieġa*.

A. **Denebedegige**, jew *Deneb* li hija l-akbar fost il-ħafna kewkbiet li jġibu dan l-isem. Hija kewkba bajda fil-għerq ta' denb iċ-Ċinju (1).

*B.* **Menkar, Minkar**. Kewkba f'munqar iċ-Ċinju. Imsejħa *munqar*.

*G.* **Sadr**. It-Tiġieġa u oħrajn miktubin xort'oħra għall-istess kelma. Kewkba fir-rix tas-*sider*:

D. G.E.Z. Erba' kwiekeb qegħdin linja dritta jixxiebhu lil serbut Rikkieba taż-Żwiemel u msejħin *al-Fawâris*, bil-Malti, il-Firsien.

E. **Ġienaħ**, ġewnaħ.

W. **Kewkba**, kewkba fl-**irkobba** taċ-Ċinju.

---

(1) *Munqar it-Tiġieġa*. Ma' isem il-kewkba hija drawwa li jżidu wkoll isem ix-xbieha tal-imħalla li fiha tinsab il-kewkba, hekk fl-ittra G hemm il-kewkba *Sider it-Tiġieġa*, fl-ittra W ir-*Rkoppa tat-Tiġieġa* u hekk għall-oħrajn kollha.

TISWIJA.—Fil-ħarġa ta' qabel, faċċ: 54, fl-ewwel vers ta' wara l-ewwel paragrafu, il-kelma **Alkuccabah** riedet tiġi **Alruccabah** u l-kelma *riekda* riedet tiġi *riekba*.